

Brussell, 12 ta' Diċembru 2023
(OR. en)

15336/23

Fajls Interistituzzjonali:
2023/0813(NLE)
2023/0814(NLE)

CMPT 31

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar żewġ membri tal-Qorti tal-Awdituri - Adozzjoni

1. Skont l-Artikolu 286(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Kunsill, wara li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew, għandu jadotta l-lista tal-Membri tal-Qorti tal-Awdituri mfassla f'konformità mal-proposti magħmulin minn kull Stat Membru, għal mandat ta' sitt snin.
2. It-tiġdid parzjali attwali tal-Qorti tal-Awdituri jinvolvi żewġ Membri. Il-mandat tas-Sa Eva LINDSTRÖM (Renju tal-Iżvezja) ser jiskadi fid-29 ta' Frar 2024. Barra minn hekk, l-eks Membru Portugiż, is-Sur João FIGUEIREDO, miet fit-30 ta' Ġunju 2021. Il-mandat tiegħu kien ser jiskadi fid-29 ta' Frar 2024¹.

¹ 6023/23.

3. Il-Gvern Żvediż ippropona li s-Sur Hans LINDBLAD jinħatar Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, minflok is-Sa Eva LINDSTRÖM, mill-1 ta' Ġunju 2024². F'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 286(5) TFUE, is-Sa Eva LINDSTRÖM għandha tibqa' fil-kariga sakemm tiġi sostitwita. Fis-16 ta' Ottubru 2023, il-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament Ewropew dwar il-ħatra tas-Sur Hans LINDBLAD.
4. Il-Gvern Portugiż ippropona li s-Sur João LEÃO jinħatar membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri fil-pożizzjoni vakanti mill-1 ta' Marzu 2024³. Fil-25 ta' Ottubru 2023, il-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament Ewropew dwar il-ħatra tas-Sur João LEÃO.
5. Il-Parlament Ewropew ta l-opinjoniġiet tiegħu dwar dawn il-ħatriet fit-12 ta' Diċembru 2023.
6. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar id-Deċiżjoni li taħtar il-Membri tal-Qorti tal-Awdituri msemmija hawn fuq, kif tinsab fid-dokument 15337/23, u biex jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" fl-aqgħa li jmiss.

² 14069/23.

³ 14429/23.